**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 476/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**-vs-**

**David Gatt**
**(ID 153677(M))**

**Illum: 30 ta' Novembru, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **David Gatt**, iben Alfred u Rita nee` Azzopardi, imwieled l-Imtarfa nhar is-17 ta' Frar 1977, residenti ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, Raħal Ġdid, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 153677(M);

Akkużat talli fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, Raħal Ġdid fid-29 ta' Awwissu 2007, u matul il-ġranet ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina, speċfikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kif ukoll talli mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħal jew ippruva jdaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs, mediċina perikoluża skont l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1)(2) tal-Att dwar il-Ħabs.

Il-Qorti ġiet mitlub sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-Prosekuzzjoni nhar il-5 ta' Diċembru 2011;

Rat ukoll illi l-kawża odjerna ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), datat 14 ta' Novembru 2011, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1], kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali, datat 21 ta' Novembru 2011, sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[2];

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi mismugħa fil-każ sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversement preseduta[3];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-każ odjern, il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat huma tassew skarni. **CO 165 Dennis Thornton** jixhed illi fid-29 ta' Awwissu, l-imputat odjern kellu viżta u għalhekk marru għalih fid-diviżjoni tiegħu sabiex jattendi l-istess viżta u saritlu *rub down search*. Jixhed ukoll illi l-imputat daħal għall-viżta, flimkien ma'

[1] Ara a fol. 2 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 3 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 47 tal-proċess.

ommu, oħtu li kellha tarbija f'ħoġorha, u t-tfajla tiegħu, illi huwa ssuspetta f'movimenti li għamlet oħtu u iżjed tard, waqt l-istess viżta, huwa ra lill-imputat jagħmel mossa – bħal qisu kien qed jipprova jdaħħal xi ħaġa fil-qalziet - li ndikat illi f'idu kellu xi ħaġa. Jixhed in oltre illi x'ħin l-imputat qam, dan telaq xi ħaġa minn idu, skont hu, oġġett iswed, id-daqs ta' *lighter*.[4]

Jixhed ukoll **CO 79 David Scerri** li mistoqsi jekk itteħdux xi provvedimenti l-ħabs fil-konfront tal-imputat in konnessjoni mal-każ odjern, jgħid illi ma jiftakarx għax il-każ kien ilu li seħħ ħames snin.[5]

**Il-Maġġur Joseph Farrugia** jixhed illi fiż-żmien tal-każ odjern l-imputat kien detenut ġewwa Diviżjoni 5, iżda bħax-xhud ta' qablu ma ftakarx jekk ittieħdux passi dixxiplinari fil-konfront tal-imputat in konnessjoni ma' dan il-każ.[6]

**L-Ispettur Pierre Grech** jixhed illi fid-29 ta' Awwissu 2007, għall-ħabta tal-10.15 a.m., fl-għassa ta' Raħal Ġdid ġew infurmati mill-awtoritajiet tal-ħabs illi waqt viżta tal-imputat ma' ommu u xi familjari tiegħu, uffiċjali tal-ħabs ġihom suspett f'xi movimenti li huwa għamel u waqqfu din il-viżta, kif ukoll illi sussegwentement, l-imputat tefa' oġġett mal-art, liema oġġett kien fih sustanza suspettata eroina. Jixhed ukoll illi s-sustanza kienet ġiet elevata u l-imputat irrilaxxja stqarrija, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi. Ix-xhud hawnhekk irrefera għall-kontenut tal-istqarrija tal-imputat, li tinsab esebita fl-atti bħala Dok. PG 1[7].[8] F'seduta sussegwenti, l-Ispettur Grech esebixxa filmat minn *CCTV* li ttieħed mill-kamra tal-viżti tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.[9]

**PC 762 George Camilleri** in rappreżentanza tad-Direttur tal-ħabs esebixxa kopja tar-rapport ta' dixxiplina tal-imputat ġewwa l-ħabs. Huwa jixhed illi in kwantu l-inċident tad-29 ta' Awwissu 2007, ma ttieħdux passi dixxiplinari fil-konfront tal-istess imputat.[10]

Huma dawn il-provi li ġabet il-Prosekuzzjoni fil-każ odjern.

Da parti tiegħu, l-imputat imbagħad tella' diversi xhieda sabiex juri illi huwa kellu dipendenza qawwija fuq id-droga eroina u illi miż-żmien tal-każ odjern għamel progress, kif ukoll illi għalkemm waqt parti mill-proċeduri odjerni kien

---

[4] Ara a fol. 14 sa 16 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 17 u 18 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 21 u 22.
[7] Ara a fol. 19 u 20 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 26 u 27 tal-proċess. Huwa evidenti illi l-aħħar parti tat-tieni paġna tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech m'għandha x'taqsam xejn mal-każ odjern. .
[9] Ara a fol. 33 u 34 tal-proċess. Il-filmat jinsab esebit a fol. 35 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 43 sa 45 tal-proċess.

għadu qiegħed jiskonta piena karċerarja, huwa rrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga u sussegwentement kien ukoll f'impjieg fiss.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar id-29 ta' Awwissu 2007. Jirriżulta mill-atti illi din l-istqarrija ttieħdet lill-istess imputat wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu jew il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju u dan stante illi fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna suspettata jew arrestata b'dawn il-jeddijiet. L-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, filwaqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401/2016.

Fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tissottometti illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat hija inammissibbli stante li ttieħdet lill-imputat meta d-dritt għall-assistenza legali ma kienx għadu viġenti fil-liġi Maltija.

Dwar dan il-punt il-Qorti taqbel mad-difiża u qed tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat bħala nieqsa minn valur probatorju. Dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Settembru 2019), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022). Huwa evidenti illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali qabel u waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga eroina ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, kif ukoll talli mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħal jew ipprova jdaħħal f'xi parti tal-konfini tal-ħabs, mediċina

perikoluża u dan b'referenza għad-29 ta' Awwissu 2007 u l-ġranet ta' qabel din id-data.

Il-Qorti tqis illi skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat għar-raġunijiet fuq indikati, il-provi fl-atti mhumiex suffiċjenti sabiex tinstab ħtija fl-imputat fil-grad rikjest mil-liġi. Kif tajjeb tgħid id-difiża fit-trattazzjoni tagħha, is-sustanza in kwistjoni baqgħet ma ġietx esebita fl-atti, bil-konsegwenza għalhekk illi lanqas ma ġiet analizzata sabiex jiġi kkonstatat illi din kienet fil-fatt droga eroina. Fin-nuqqas ta' din il-prova, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat dwar l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **David Gatt** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat